# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-5 ta' Frar 2024**

**Talba nru. 204/2021 IS**

**NICHOLAS CAMILLERI (I.D. 140152 (M))**

***VERSUS***

**PATRICK CAMILLERI (I.D. 448753 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2021 (a fol. 1 u 2), l-attur talab l-ammont ta' elf disa' mija u tnejn u sitin Ewro u ħames ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1962.05) bħala konsum dirett tad-dawl u ilma ġewwa l-fond Rocheville, Triq Santu Wistin, Swieqi.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-11 ta' Awwissu 2021 fejn l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bin-notifika tal-konvenut (a fol. 3).

Ra illi ma hemm ebda notifika tal-konvenut fil-proċess, b'dan illi pero' l-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu fit-12 ta' Awwissu 2021 (a fol. 6 sa 27).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fis-17 ta' Mejju 2022 l-attur għalaq il-provi tiegħu (a fol. 124).

Ra illi fit-3 ta' Novembru 2022 il-konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 186).

Ra illi fit-3 ta' Novembru 2022 il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhomx iktar provi (a fol. 186).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi l-attur jirrisjedi flimkien mal-familja tiegħu ġewwa s-sular t'isfel tar-residenza Rocheville, Triq Santu Wistin, Swieqi u ilu jgħix hemm minn Marzu tas-sena 2014 (a fol. 2 u 33). Ma hux anqas kontestat illi l-konvenut beda jgħix fl-istess residenza mis-17 ta' Settembru 2020 (a fol. 33 skond l-affidavit tal-attur u a fol. 166 skond l-affidavit tal-konvenut) u kien għadu jirrisjedi f'din l-istess residenza żgur sa meta l-avukata difensur tal-konvenut issottometiet in-nota tas-sottomissjonijiet datata 26 ta' Ġunju 2023 *stante* illi hemm referenza għal tali fatt fin-nota tas-sottomissjonijiet. Inoltre' ma hux anqas kontestat bejn il-partijiet illi wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom, tali residenza saret wirt bejn l-aħwa kollha, illi huma b'kollox għaxra, li tnejn minnhom huma l-attur u l-konvenut.

Id-diżgwit bejn il-partijiet hu għar-rigward tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma fil-perjodu ta' bejn is-17 ta' Settembru 2020 u s-17 ta' Marzu 2022 fejn l-attur u l-konvenut kienu jirrisjedu fir-residenza hawn fuq imsemmija, u ċioe' fir-rigward tal-konsum, hekk imsejjaħ eċċessiv mill-attur, tat-tali dawl u ilma, u għaldaqstant, min hu responsabbli għall-ħlas tat-tali kontijiet. Tul il-proċeduri ma ġiex kontestat mill-partijiet illi l-konvenut m'għandux aċċess għall-meters tad-dawl u ilma u anqas għas-salva vita, u fosthom ukoll hekk kif ikkonfermat fix-xhieda tal-konvenut datata 3 ta' Novembru 2022 meta kien mistoqsi fuq dan il-punt mill-avukat difensur tal-attur (a fol. 188).

Il-ħsarat fir-residenza Rocheville, Triq Santu Wistin, Swieqi

Jidher mix-xhieda prodotta illi Rocheville, Triq Santu Wistin, Swieqi hu post illi ilu s-snin mibni bil-pajpijiet u wires antiki. Anthony Psaila, li hu *electrician*, spjega fiċ-ċar lit-Tribunal kif jgħola l-konsum meta l-post ikun qadim bil-pajpijiet u l-wires qodma u s-sadid preżenti u dan meta xehed fil-15 ta' Novembru 2021 (a fol. 59 sa 62) fejn qal is-segwenti:

*"Xhud: Ixxarrbu xi wires, u l-pajpijiet kienu hadid kollha jigifieri u ...*
*Dr. Edmond Cuschieri: Allura meta jkollok xi haga simili zzid il-konsum?*
*Xhud: Iva ghax bdew jixxortjaw il-wires u kellu xi shortage ta' wires; bis-sadid stess jista'...*
*It-Tribunal: Liema konsum sinjur jibda jzid?*
*Xhud: Il-konsum tad-dawl.*
*It-Tribunal: Jigifieri jixxortja l-wire ...*
*Xhud: Ehe*
*It-Tribunal: Il-wire ... id-dawl imur u joghla iktar id-dawl?*
*Xhud: U zgur u zgur*
*It-Tribunal: Le, spjegahieli ta' ghax ma fhimthiex*
*Xhud: Ikollu iktar consumption meta jkun hemm akkumulazzjoni ta' sadid u leakages, jigifieri jkun hemm leakages fid-dawl ikollu izjed konsum.*

*It-Tribunal: Il-wire jixxarrab*
*Xhud: Iva, il-wire jixxarrab ...*
*It-Tribunal: Jinqata' id-dawl?*
*Xhud: Mhux dejem. Mhux dejjem. In fatti hu ...*
*It-Tribunal: il-fat illi l-wire jixxarrab 'il ghala jkun hemm iktar konsum?*
*Xhud: U zgur, dan jigi qisu heater.*
*It-Tribunal: Jigi qisu ... ?*
*Xhud: Jigi qisu heater. Qisek ghandek heater element, meta jibda' jisparkja jibda anke jisparkja irqiq, jigifieir jikkonsma izjed*."

Jose' Camilleri, ukoll wieħed mill-aħwa, xehed ukoll illi l-post hu antik fil-15 ta' Novembru 2021 u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 58, u fejn qal is-segwenti:
"*Dr. Edmond Cuschieri: Inti li taf il-problema fuq … minhabba l-leaks ta' l-ilma li kien hemm fuq.*
*Xhud: Hemm leaks u kien dejjem kien hemm …, the place is quite damage.*
*It-Tribunal: Old; damaged.*
*Xhud: Ehe kien hemm il-problemi and they were both aware of it jigifieri*."

<u>Ir-responsabbilta' o meno tal-konveut għall-ħsarat fir-residenza Rocheville, Triq Santu Wistin, Swieqi u liema hsarat wasslu għal iktar konsum tad-dawl u ilma</u>

L-attur ittenta jgħid illi għalkemm il-post hu antik u verament kien hemm il-problemi fil-pajpijiet u l-wires, *stante* illi l-konvenut mar joqgħod fuq, il-konvenut kien unikament responsabbli sabiex jirranġa tali pajpijiet u wires qabel ma jibda' jirrisjedi fir-residenza peress illi skond l-attur il-ħsarat minn dik il-parti fejn kien qiegħed jirrisjedi l-konvenut wasslu għal iktar konsum fil-kont tad-dawl u ilma. Biss pero', Jean Camilleri, wieħed mill-aħwa, xehed fil-15 ta' Novembru 2021 is-segwenti "*Meta kien ghad hemm Nicky u l-familja tieghu. Issa wara li beda jurini l-kontijiet li bdew gejjin wara kien hemm perjodu ta' dik il-gimgha li spata 'l fuq wara li kien dahal Patrick. Pero' Patrick kien ilu hemmhemm ftit xhur qabel ma nqalghet din il-problema. Jigifieri mhux meta dahal ezatt*" (a fol. 55). Dan juri illi l-problemi ma nqalgħux eżatt kif daħal il-konvenut fir-residenza, b'dan illi l-konvenut allura ma setax ikun jaf illi hemm daqstant problemi kbar. Inoltre' Jose' Camilleri, illi hu ieħor mill-aħwa, xehed fis-7 ta' April 2022 illi "*Fuq dahal Patrick bil-kunsens ..., jigifieri hadd ma qallu xejn; ghandu dritt li dahal; u fuq hemm il-problemi ghax il-pajpijiet antiki*" (a fol. 101). Jose' Camilleri ukoll xehed fil-15 ta' Novembru 2021 illi kemm l-attur u anke l-konvenut kienu jafu bil-problemi ġewwa r-residenza (a fol. 58). B'dan illi allura l-aħwa kollha, bħala eredi, kienu fid-dover illi jaraw illi qabel xi ħadd mill-aħwa kellu jirrisjedi fir-residenza, tali pajpijiet u wires kellhom jitranġaw minnhom kollha qabel. Ukoll, anke n-nota ippreżentata mill-attur u li tinsab a fol. 184 u 185 turi illi l-konvenut beda jirrisjedi fir-residenza fis-17 ta' Settembru 2020 u l-ewwel kont illi ġie għoli kien dak li kien ikopri l-perjodu 20 ta' Diċembru 2020 u t-22 ta' Frar 2021, u liema kopja tal-kont tinsab a fol. 114. Min-nota tal-attur innifsu jidher ċar illi l-konsum meta beda jirrisjedi l-konvenut fir-residenza meta mqabbel mal-perjodu meta ma kienx jirrisjedi l-konvenut fir-residenza ma kienx xi wieħed esaġerat, kif ittenta jindika l-attur, għajr għal meta kien hemm il-ħsarat illi l-aħwa kollha kienu ilhom jafu bit-tali ħsarat minn qabel il-konvenut mar jirrisjedi fit-tali

residenza. Fil-fatt, l-unika ammont li seta' kien ikun diskuss hu ta' elf sebgħa mija u sebgħa u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1747.60), u dan skond il-kopja tal-kont tad-dawl li tinsab a fol. 114.

Iż-żewġ aħwa, Jose' u Jean, reġgħu xehdu tul dawn il-proċedui fejn ittentaw jagħtu stampa differenti, biss pero' dan it-Tribunal, fuq bażi ta' probabilita' u ekwita', hu konvint illi l-ewwel xhieda tagħhom hi l-iktar waħda kredibbli, speċjalment meta t-Tribunal iqis illi tali aħwa, Jean u Jose', ġew prodotti biex jixhdu mill-attur.

Inoltre' dan it-Tribunal irid iqis bir-reqqa wkoll dak li xehed Anthony Psaila *stante* illi Anthony Psaila kien tqabbad bħala *electrician* u għaldaqstant, tali persuna ma jkollux interess li jixhed favur jew kontra l-attur jew il-konvenut imma seta' jixhed biss fuq stat ta' fatti. Anthony Psaila xehed fis-7 ta' April 2022 illi hu kien żar kemm fejn kien joqgħod l-attur u anke fejn kien joqgħod il-konvenut. Fuq il-parti tar-residenza fejn jirrisjedi l-attur, Anthony Psaila, xehed illi "*kellu overload u nharaqlu l-main u biddiltlu main switch. Is-salva vita ma kinetx izzom, jigifieri u nehhejnieha*" (a fol. 94). Anthony Psaila kompla jixhed illi tali salva vita kienet fil-garaxx tal-attur. Dan it-Tribunal jinnota illi ġjaladarba s-salva vita ġet eliminata, hu fatt magħruf illi jekk ikun hemm overvaultage, id-dawl ma jaqtax b'dan illi jista' jwassal għal konsegwenzi diżastrużi u b'dan ukoll illi tali overvaultage iwassal għal iktar konsum tad-dawl. B'dan ukoll illi ġjaladarba l-attur neħħa s-salva vita illi hu biss kellu aċċess għaliha, allura l-attur kien responsabbli daqs il-konvenut għall-konsum għoli tad-dawl.

Ukoll, dan it-Tribunal iqis illi jidher ċar illi l-konvenut ipprova jara minn fejn kienet ġejja l-problema u pprova jirranġa s-sitwazzjoni, b'dan illi fil-fatt kien ġab lil Anthony Psaila, *electrician*, sabiex ikun jista' jiċċekja minn fejn kienet ġejja l-problema u titranġa tali problema b'dan illi allura ma kien ebda traskuraġni min-naħa tiegħu.

Inoltre', il-konvenut ġab prova illi juri illi l-konsum ġieli kien esaġerat anke qabel ma beda jirrisjedi hu fit-tali residenza bħal per eżempju fis-sena 2014 meta l-attur beda jgħix fir-residenza, hekk kif jidher mill-kont illi jinsab a fol. 164, u anke darba oħra żgur.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jisħaq illi mill-provi prodotti, l-attur u l-konvenut kienu ben konsapevoli illi tali residenza hawnhekk imsemmija hi qadima u li għandha l-problemi tagħha, b'dan illi allura l-konvenut ma hux unikament responsabbli għall-konsum qawwi tad-dawl u ilma, hekk kif ittenta jgħid l-attur. Il-konvenut kien ikun unikament responsabbli jekk kemm-il darba ma kienx ħa ħsieb jara x'inhu jiġri u jirranġa s-sitwazzjoni. Anzi, meta wieħed iqis il-provi kollha, jidher illi l-konvenut mexa b'diliġenza u prudenza. F'dan is-sens, il-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi fl-artikolu 1032 (1) illi " *Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*." B'dan illi pero' il-konvenut ġab *electrician*, u dan kien Anthony Psaila, illi anke xehed f'dawn il-proċeduri. Tali artikolu tal-Liġi ġie wkoll diskuss fid-dettall mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Margaret Mary Barry (Passaport Irlandiż numru PD9840331) vs Ic-Chairman u l-Bord tad-***

***Diretturi Ajruport Internazzjonali ta' Malta Malta International Airport plc*** datata 16 ta' Mejju 2023.[1]

L-ammont dovut mill-konvenut lill-attur

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi l-attur jirrisjedi fir-residenza hawn fuq indikata flimkien mal-familja tiegħu li huma tlieta min-nies b'kollox (a fol. 130 tax-xhieda tal-istess attur) u l-konvenut jgħix waħdu, b'dan illi b'kollox kien hemm erbgħa persuni jgħixu fir-residenza.

Ma hux anqas kontestat bejn l-attur u l-konvenut illi l-attur beda jgħix fir-residenza indikata hawn fuq flimkien mal-famlija tiegħu minn Marzu 2014 u l-konvenut beda jgħix f'din ir-residenza fis-17 ta' Settembru 2020.

L-attur ippreżenta nota illi turi l-ammonti tal-kontijiet tad-dawl u ilma mis-17 ta' Settembru 2020, u ċioe' minn meta l-konvenut mar jirrisjedi fir-residenza hawn fuq imsemmija sad-data tal-kont illi jaqra 17 ta' Marzu 2022, u liema nota tinsab a fol. 184 u 185. It-Tribunal sab fil-proċess kopja tas-segwenti kontijiet:

1. Kopja tal-kont li jġib id-data 17/11/2020 (a fol. 136);
2. Kopja tal-kont li jġib id-data 28/11/2020 (a fol. 134);
3. Kopja tal-kontijiet l-oħrajn imsemmija fit-tali nota a fol. 102 sa 116 li kienu ippreżentati minn Reuben Bonnici in rappreżentanza ta' ARMS Limited.

Minn tali kopji jidher illi l-attur kien ħallas tali ammonti dovut kollha waħdu, barra l-aħħar kont peress illi l-attur ma kitibx nil fejn hemm il-kolonna li tindika l-ammont li ħallas il-konvenut lill-attur. B'dan illi pero' it-Tribunal hu konvint illi l-konvenut qatt ma ħallas ammonti dovuti lill-attur ħlief l-ammont ta' sebgħa u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 47.46), u dan anke kif xehed il-konvenut fit-3 ta' Novembru 2022 fejn hu qal illi qatt ma ħallas (a fol. 192) lill-attur ħlief l-ammont ta' sebgħa u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 47.46). B'dan illi allura tali ammonti indikati fin-nota tal-attur hawnhekk imsemmija u liema huma kkoroborati mill-kopji tal-kontijiet ippreżentati fil-proċess tħallsu kollha mill-attur ħlief l-ammont ta' sebgħa u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 47.46).

Jidher mill-proċess illi l-konvenut kien lest li jħallas porzjon ta' wieħed minn erbgħa fuq kull kont *stante* li skond hu kienu erbgħa min-nies jgħixu fir-residenza u allura l-konvenut jisħaqq li hu ġust li kull kont jinqasam b'dan il-mod, u dan skond ix-xhieda tiegħu datata 3 ta' Novembru 2022 (a fol. 187 sa 195). L-attur xehed fis-7 ta' April 2022 illi hu kien aċċetta li l-kontijiet tad-dawl u ilma jinqasmu bejn erbgħa b'dan illi l-konvenut iħallas porzjon ta' wieħed minn erbgħa minn kull kont tad-dawl u ilma u dan meta qal is-segwenti:

"*Xhud: L-ewwel nett kien bilfors division by 4 ghax jiena qieghed jien u l-mara u t-tifel nghix fil-basement u hu jghix fid-dar kollha f'zewg sulari, u bilfors dejjem ... ghax jiena skont il-parir li ghandi*

[1] Rikors Numru 401/2019

*li nhallas one fourth (1/4). Jiena I let it be ...*
*Dr. Edmond Cuschieri: Il-parir li ghandi min kien ghid dan id-diskors?*
*Xhud: Kif?*
*Dr. Edmond Cuschieri: Min kien jghid skond il-parir li ghandi nhallas one fourth?*
*Xhud: Patrick. Issa ovvjament ma kellix mod iehor, it was ... issa I accepted biex nigh hekk il-one fourth, pero fuq il-kontijiet"* (a fol. 87).

*Stante* illi l-attur u l-konvenut ftehmu illi kull kont jinqasam bejn erbgħa u l-ħsarat fir-residenza ma kinux unikament tort tal-konvenut imma anke tal-attur, il-konvenut irid iħallas il-bilanċ ta' porzjon wieħed minn erbgħa mit-total ippreżentat fin-nota tal-attur b'dan ukoll illi jrid jitnaqqas l-ammont illi l-konvenut diġa' ħallas lill-attur. Għaldaqstant, il-konvenut irid iħallas lill-attur is-somma globali ta' disgħa mija u sebgħa Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 907.73) rappreżentanti għal sehmu għall-kontijiet dawk datati mis-17 ta' Settembru 2020 sas-17 ta' Marzu 2022. It-Tribunal wasal għal dan it-tali ammont dovut mill-konveut lill-attur *stante* illi l-ammont kollu u fit-totalita' tiegħu skond it-tali nota ippreżentata mill-attur u hawn fuq imsemmija jammonta għal tliet elef u tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 3828.54) li diviżi bejn erbgħa kull porzjon jiswa disgħa mija u sebgħa u ħamsin Ewro u tlettax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 957.13) u minnhom il-konvenut diġa' ħallas lill-attur is-somma ta' disgħa u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 49.40).

Biss pero' fl-avviż tat-talba u fin-nota tas-sottomissjonijiet, l-attur jidher illi qed jitlob ammonti li jkopru l-perjodu biss mis-17 ta' Settembru 2020 sat-18 ta' Mejju 2021 b'dan illi l-ammont globali f'dak il-perjodu hu ta' elfejn u tmien mija u sitta u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2866.87) li jrid jiġi diviż bejn erbgħa u bit-tnaqqis ta' disgħa u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 49.40), l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur hu ta' sitt mija u sebgħa u sittin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 667.32).

Inoltre', kif anke xehed Rueben Bonnici, rappreżentant tal-ARMS Limited, wieħed ma jistax jikkalkula bl-eżatt il-konsum ta' kull persuna, u dan skond ix-xhieda datata 17 ta' Mejju 2022 li tinsab a fol. 126 sa 127.

Spejjeż legali

L-attur, fin-nota tas-sottomissjonijiet, irrefera għall-ittra legali bin-numru 1095/2021 u dan ġie kkorroborat mix-xhieda tal-konvenut datata 3 ta' Novembru 2022 u liema parti mix-xhieda li tagħmel referenza għal din l-ittra tinsab a fol. 189. Għaldaqstant, dan it-Tribunal iqis illi hu ġust bejn il-partijiet illi tali spejjeż ikunu inklużi f'din is-sentenza u li għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi limitament jilqa´ t-talba tal-attur għas-somma globali ta' sitt mija u sebgħa u sittin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 667.32) rappreżentanti għal sehem il-konvenut għall-kontijiet dawk datati mis-17 ta' Settembru 2020 sat-18 ta' Mejju 2021 bl-imgħax li jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-eventwali ħlas effettiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra legali datata 1095/2021.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma nofs a karigu tal-attur u nofs a karigu tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur